inklużjoni

# VERŻJONI FAĊLI BIEX TAQRA

## LIĠI TAS-SENA 2026 DWAR L-ASSISTENZA PERSONALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

# VERŻJONI FAĊLI BIEX TAQRA

## LIĠI TAS-SENA 2026 DWAR L-ASSISTENZA PERSONALI



Din il-liġi ġdida tgħid li persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għall-assistenti personali.

---



L-assistenti personali huma persuni li jagħtu sapport lill-persuni b'diżabilità fil-ħajja ta' kuljum.

---



Din il-liġi titkellem ukoll dwar x'tip ta' training għandhom jieħdu l-assistenti personali.

---



Tista' tiddeċiedi li jkollok iktar minn assistent personali wieħed.

Għandek ukoll id-dritt li tagħżel l-assistenti personali tiegħek.

---



Xi ftit mis-servizzi tal-assistenza personali huma b'xejn. Dan ifisser li ma tridx tħallas biex tużahom.

---



Xi ftit mis-servizzi tal-assistenza personali huma bil-flus. Dan ifisser li trid tħallas biex tużahom.

---



L-assistenti personali jistgħu jew ikunu jaħdmu ma' kumpanija jew ma' għaqda, inkella jkunu jaħdmu  għal rashom.

Ser ikunu jistgħu isiru regoli biex isir iktar faċli li l-assistenti personali jaħdmu għal rashom, ma' kumpanija jew ma' għaqda.

---



Bħala persuna b'diżabilità, int ser tkun tista' tingħaqad ma' persuni oħra b'diżabilità biex tużaw l-istess assistenti personali.

---



Ftit nies jistgħu jiddeċiedu li jkunu parti minn tim ta' assistenti personali.

Imbagħad, dan it-tim jibgħat lill-assistenti personali biex jagħtu sapport lill-persuni b'diżabilità.

---



Id-Direttur tad-Diżabilità ser iżomm lista ta' dawn il-gruppi.

Id-Direttur tad-Diżabilità huwa l-persuna li jmexxi d-dipartiment tal-Gvern li jieħu ħsieb id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

---



Se jkun kontra l-liġi li persuni b'diżabilità jiġu trattati b'mod differenti għax għandhom assistent personali.

Se jkun kontra l-liġi wkoll li l-assistenti personali jiġu trattati b'mod differenti minħabba x-xogħol li jagħmlu.

---



Id-Direttur tad-Diżabilità ser jagħti s-sapport lill-persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jispjegaw il-bżonnijiet tagħhom lill-assistenti personali.



Id-Direttur tad-Diżabilità se jipprovdi wkoll it-taħriġ lill-assistenti personali ħalli jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom.

Id-Direttur jista' jaħdem mal-Aġenzija Sapport u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) biex ikun ċert li t-taħriġ għall-assistenti personali jkun tajjeb.



Ir-reġistrazzjoni tfisser li l-assistent personali huwa parti minn lista.

Il-lista tal-assistenti personali tkun għand id-Direttur tad-Diżabilità.



Din il-lista se titqiegħed fuq l-internet mid-Direttur.



Nru./No. 18,725
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 29 ta' Marzu, 2011
Tuesday, 29th March, 2011

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 2409 - 2433
*Government Notices* ........ *2409 - 2433*

Avviż tal-Pulizija ........ 2433 - 2434
*Police Notice* ........ *2433 - 2434*

Avviż lill-Baħħara ........ 2434
*Notice to Mariners* ........ *2434*

Opportunitajiet ta' Impieg ........ 2434 - 2447
*Employment Opportunities* ........ *2434 - 2447*

Avviżi tal-Gvern ........ 2448 - 2450
*Notices* ........ *2448 - 2450*

Offerti ........ 2450 - 2490
*Tenders* ........ *2450 - 2490*

Avviżi tal-Qorti ........ 2490 - 2500
*Court Notices* ........ *2490 - 2500*

Darba fis-sena se tkun ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Gazzetta tal-Gvern hija gazzetta li fiha jkun hemm avviżi importanti mill-Gvern ta' Malta.



Biex l-assistenti personali jitħallsu talli jagħtu sapport lil persuni b'diżabilità, dawn l-assistenti personali jridu jkunu fuq din il-lista.

Jekk assistenta personali ma tiħux flus talli tagħti sapport lill-persuni b'diżabilità, mela din l-assistenta personali m'għandhiex għalfejn tkun fil-lista.





Jekk assistent personali jieħu l-flus għal xogħolu u ma jkunx fuq din il-lista, jista' jeħel multa jew jintbagħat il-ħabs.



Biex ikunu parti mil-lista, l-assistenti personali għandhom bżonn ċertifikat.

Iċ-ċertifikat juri li l-assistenti personali ma jkunu għamlu xejn kontra l-liġi.

Jekk jinstab li assistent personali jkun mexa ħażin miegħek, jista' jitneħħa mil-lista.



Jekk taħseb li l-assistenti personali tiegħek mhux qed jagħtuk sapport kif suppost, inti tista' tmur tgħid lis-CRPD.



Is-CRPD tista' wkoll tistaqsi lill-Pulizija għall-għajnuna jekk l-assistent personali tiegħek ikun qed jagħmel xi ħaġa ħażina ħafna.

Int tista' tmur ukoll għand il-Pulizija mill-ewwel mingħajr ma tmur għand is-CRPD.

Assistenti personali jistgħu jmorru wkoll għand il-Pulizija jekk xi ħadd jagħmlilhom xi ħaġa ħażina ħafna.



Il-Gvern ta' Malta jagħti l-flus lill-Aġenzija Sapport sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jużawhom biex iħallsu għall-assistenza personali.

---



Bħala persuna b'diżabilità, tista' tagħmel talba, biex l-Aġenzija Sapport ittik il-flus biex tħallas assistenti personali.

Dawn it-talbiet jiddeċiedi dwarhom il-Bord dwar l-Iskema tal-Assistenza fil-finanzjament personali (Personal Budget Assistance Scheme Board).

Bord huwa grupp ta' nies li jitkellmu bejniethom u miegħek biex jiddeċiedu dwar ċerti affarijiet.

## Kif tieħu sehem fil-konsultazzjoni pubblika

**A.** Tista' timla dawn il-Kwestjonarji billi ssegwi dawn il-links:

Bil-Malti – billi tagħfas fuq **https://www.surveymonkey.com/r/9Z7W6DM**

Bl-Ingliż – billi tagħfas fuq **https://www.surveymonkey.com/r/5TKB9LL**

**B.** JEW tista' tibgħat il-kummenti tiegħek permezz ta' Email fuq: disability.consultation.miv@gov.mt

**C.** JEW tista' tibgħat il-kummenti tiegħek bil-Posta lil: **Gregory Ellul, Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI), Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, 12, Marsa Central, Livell 1, Il-Moll tal-Ħatab, Il-Marsa MRS 1442**

**Il-kummenti kollha għandhom jaslu sal-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026, sa nofsillejl**